

32007D0025

13.1.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 8/29

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' ħarsien relatati ma' l-influenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja u l-movimenti ta' għasafar domestiċi li huma akkumpanjati mis-sid tagħhom fil-Komunità

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 6958)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/25/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) 998/2003 tas-26 ta' Mejju 2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali ta' l-annimali domestiċi u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

- (1) Wara t-tifqigħa ta' l-influenza tat-tjur fix-Xlokk ta' l-Ażja fl-2004, ikkawżata minn razza tal-vajrus b'patoġeniċità għolja, il-Kummissjoni adottat bosta miżuri ta' ħarsien marbuta ma' din il-marda. Dawk il-miżuri jinkludu b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/756/KE tas-27 ta' Ottubru 2005 dwar ċerti miżuri ta' ħarsien relatati ma' l-influenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja f'ċerti pajjiżi terzi u l-movimenti minn pajjiżi terzi ta' għasafar li huma akkumpanjati mis-sid tagħhom ⁽²⁾ Id-Deċiżjoni 2005/759/KE bħalissa tapplika sal-31 ta' Diċembru 2006.
- (2) Tifqigħat ta' l-influenza tat-tjur ikkawżati mill-influenza tat-tjur mir-razza H5N1 b'patoġeniċità għolja għadhom iseħħu fuq bażi regolari f'ċerti pajjiżi membri ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE), li jinkludu pajjiżi li qabel ma kinux affetwati. Il-marda għalhekk għadha ma ġietx ikkontrollata. Barra minn hekk, f'pajjiżi madwar id-dinja għadhom jinstabu każijiet ta' infezzjoni fil-bnedmin u anki mwiet b'riżultat ta' kuntatt mill-qrib ma' għasafar infettati.
- (3) Wara talba mill-Kummissjoni, il-Bord (EFSA) fuq is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali (AHAW) matul il-laqgħa fis-26/27 ta' Ottubru 2006 adotta Opinjoni Xjentifika dwar ir-riskji fuq is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali assoċjati ma' l-importazzjoni ta' għasafar selvaġġi minbarra tjur ta' l-irziezet fil-Komunità. Din l-opinjoni tindika r-riskji tal-firxa

tal-mard virali bħalma huma l-influenza tat-tjur u l-Marda Newcastle via l-importazzjoni ta' għasafar minbarra tjur ta' l-irziezet u tidentifika mezzi u għażliet possibbli li jistgħu jnaqqsu kull riskju għas-saħħa ta' l-annimali li jista' jiġi identifikat fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' dawn l-għasafar. Barra minn hekk l-opinjoni tindika li huwa rari li tkun tista' tiddistingwi b'ċertezza bejn għasafar "maq'buda fis-selvaġġ" u għasafar "mrobbija", peress li l-metodi ta' markar jistgħu jkunu applikati lil tipi differenti ta' għasafar mingħajr ma jkun possibbli li tiddistingwi bejniethom.

- (4) Dawn il-konklużjonijiet jisgħtu wkoll ikunu applikati għal moviment ta' għasafar domestiċi minn pajjiżi terzi. Sabiex tkun garantita distinzjoni ċara bejn għasafar maqbudin fis-selvaġġ għall-importazzjoni kummerċjali u għasafar domestiċi, il-moviment ta' għasafar ħajjin domestiċi għandu jibqa' suġġett għall-kundizzjonijiet stretti, mingħajr distinzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini, sabiex ikun żgurat l-istatus ta' l-għasafar domestiċi u biex jiġi evitat it-tixrid ta' dak il-mard virali. Għalhekk huwa xieraq li l-applikazzjoni tal-miżuri stabbiliti bid-Deċiżjonijiet 2005/759/KE tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2007.
- (5) Mill-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni 2005/759/KE ġiet emendata bosta drabi. Fl-interess taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, id-Deċiżjoni 2005/759/KE għandha tiġi revokata u mibdula b'din id-Deċiżjoni.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOZZAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikoli 1

Moviment mill-pajjiżi terzi

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw il-moviment mill-pajjiżi terzi ta' l-għasafar tad-dar ħajjin mill-pajjiżi terzi biss fejn il-konsenja ikun fiha mhux iktar minn ħames għasafar u:

- (a) l-għasafar jiġu minn pajjiż membru ta' l-OIE li qiegħed taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni Reġjonali mniżżla fil-Parti A ta' l-Anness I; jew

⁽¹⁾ ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1467/2006 (ĠU L 274, 5.10.2006, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 285, 28.10.2005, p. 52; Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/522/KE (ĠU L 205, 27.7.2006, p. 28).

(b) l-għasafar jiġu minn pajjiż membru ta' l-OIE li qiegħed taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni Reġjonali mniżżla fil-Parti B ta' l-Anness I fuq kundizzjoni li l-għasafar;

(i) ikunu nżammu iżolati għal 30 ġurnata qabel l-esportazzjoni fil-post tat-tluq f'pajjiż terz imniżżel fid-Deċiżjoni 79/542/KEE ⁽¹⁾, jew

(ii) ikunu nżammu fi kwarantina għal 30 ġurnata wara l-importazzjoni fl-Istat Membru destinatariju f'postijiet approvati skond l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 2000/666/KE ⁽²⁾, jew

(iii) ġew, fi żmien l-aħħar sitt xhur u mhux aktar minn 60 ġurnata qabel it-tluq mill-pajjiż terz, ġew imlaqqma, u ta' lanqas f'okkażjoni waħda mlaqqma mill-ġdid, kontra l-influenza tat-tjur bl-użu tat-tilqima H5 approvata għall-ispeċi ikkonċernata skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur; jew

(iv) inżammu iżolati għal ta' l-anqas għaxart ijiem qabel ma ġew esportati u għamlu test biex jiġi individwat l-antiġenu jew il-ġenoma H5N1 kif imniżżel fil-Kapitolu 2.1.14 tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Animali Terrestri mwettqa fuq kampjun meħud mhux qabel it-tielet ġurnata ta' iżolament.

2. Il-konformità mal-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 se tiġi ċċertifikata minn veterinarju uffiċjali, fil-każ tal-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1(b)(ii) ibbażat fuq id-dikjarazzjoni tas-sidien, fil-pajjiż terz tat-tluq skond iċ-ċertifikat mudell previst fl-Anness II.

3. Iċ-ċertifikat veterinarju jrid ikun appoġġjat b'dikjarazzjoni tas-sid jew rappreżentant tas-sid b'konformità ma' l-Anness III.

Artikolu 2

Kontrolli veterinarji

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi għasafar domestiċi mċaqalqa fit-territorju tal-Komunitarju minn pajjiż terz huma suġġetti għall-kontrolli tad-dokumenti u ta' l-identità mill-awtoritajiet kompetenti fil-punt tad-dħul tal-vjaġġatur fit-territorju Komunitarju.

2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet msem-mija f'paragrafu 1 responsabbli għal dawn il-kontrolli u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bihom minnufih.

3. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jfassal lista tal-postijiet tad-dħul kif imsem-mija fil-paragrafu 1 u jibgħatha lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

4. Meta dawn il-kontrolli juru li l-animali ma jilhqx il-ħtiġiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għandu japplika t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-moviment lejn it-territorju Komunitarju ta' għasafar li jakkumpanjaw lis-sidien tagħhom minn Andorra, il-Kroazja, il-Gżejjer Faeroe, Greenland, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, Monako, in-Norveġja, San Marino, l-Iżvizzera u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom minnufih jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u jippubblikaw dawk il-miżuri. Huma għandhom jinformat immedjatament lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 5

Id-Deċiżjoni 2005/759/KE hija revokata.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2007.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15. Id-Deċiżjoni emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) 463/2006 (ĠU L 183, 5.7.2006, p. 20).

⁽²⁾ ĠU L 278, 31.10.2006, p. 26. Id-Deċiżjoni emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) 2002/279 (ĠU L 99, 16.4.2002, p. 17).

ANNEX I

PARTI A

Il-pajjiżi membri ta' l-OIE li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjonijiet Reġjonali ta' l-OIE msemmija fl-Artikolu 1(1)(a):

PARTI B

Il-pajjiżi membri ta' l-OIE li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjonijiet Reġjonali ta' l-OIE msemmija fl-Artikolu 1(1)(b):

- l-Afrika,
 - l-Ameriki,
 - L-Ażja, il-Lvant Imbiegħed u l-Oċeanja
 - l-Ewropa, u
 - l-Lvant Nofsani
-

ANNEX II

PAJJIŻ:

Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I : Dettalji tal-kunsinjja mibgħuta	I.1. Kunsinnatur ☐ Isem Indirizz Tel.Nru		I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza		I.2.a.			
			I.3. Awtorita Ċentrali kompetenti					
			I.4. Awtorita lokali kompetenti					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.Nru		I.6.					
	I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi
	I.11. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiż ta' hsa Fond ☐ Oħrajn ☐ Isem Numru approvat Indirizz Isem Numru approvat Indirizz Isem Numru approvat Indirizz		I.12. Fond ☐ Kwarantina ☐ Korp approvat ☐ Oħrajn ☐ Isem Numru approvat Indirizz Kodiċi Postali					
	I.13. Post ta' tgħabija Indirizz Numru approvat		I. 14. Data ta' tluq ħin ta' tluq					
	I.15. Mezz ta' trasport Ajrplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi Dokumentarji:		I.16. I.17. Nru.(Nri) tas-CITES					
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott			I.19. Kodiċi tal-Komodita (Kodiċi CN)				
				I.20. Numru/Kwantita				
	I.21.			I.22. Numru ta' pakketti				
	I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' siġill			I.24.				
	I.25. Prodotti ċertifikati: Pets ☐ Kwarantina ☐							
	I.26.			I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE Importazzjoni definitiva ☐				
	I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi Sistema ta' identifikazzjoni Numru ta' identifikazzjoni Kwantità (Isem xjentifiku)							

PAJJIŻ:

Għasafar domestiċi

Parti II: Ċertifikazzjoni	II. Tagħrif dwar is-saħħa ☐	II.a. Numru ta' taċċertifikat	II.b. referenza
Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt ta'..... (niżżel l-isem il-pajjiż terz) niċċertifika li:			
1. Il-pajjiż ta' tluq huwa pajjiż membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE) u li qiegħed taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni Reġjonali OIE għal.....(niżżel l-isem tal-Kummissjoni Reġjonali)			
2. Illum, fi żmien 48 siegħa jew l-aħħar jum ta' xogħol qabel ma jintbagħtu, l-għasafar deskritti fil-punt I.28 għaddew minn spezzjoni klinika u nstabu ħielsa minn sinjali ovvj ta' mard;			
3. L-għasafar jikkonformaw ma' ta' l-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:			
jew [għal dawk il-pajjiżi terzi mniżżlin fid-Deċiżjoni 79/542/KEE, inżammew fil-post speċifikat fil-punt I.11 taħt superviżjoni uffiċjali għal ta' l-anqas 30 jum qabel ma ntbagħtu u ġew protetti b'mod effettiv mill-kuntatt ma' għasafar oħra] (¹)			
jew [se jintbagħtu, kif indikat fil-punt I.12, fi stazzjon tal-kwarantana approvat skond l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 2000/666/KE] (¹)			
jew [ġew vaċċinati u mill-inqas darb' oħra jkunu reġġu ġew vaċċinati fl-aħħar sitt xhur u mhux aktar tard minn 60 jum qabel ma jintbagħtu, skond l-instruzzjonijiet tal-manifattur kontra l-influnza tat-tjur bl-użu ta' vaċċin H5 approvat għall-ispeċi kkonċernata](¹)			
jew [inżammu iżolati għal ta' l-anqas għaxart ijiem qabel ma ġew esportati u għamlu test biex jindividwaw l-antiġenu jew il-ġenoma H5N1 kif imniżżel fil-Kapitolu 2.1.14 tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri mwettqa fuq kampjun meħud qabel it-tielet ġurnata ta' iżolament] (¹).			
4. Is-sid jew ir-rappreżentant tas-sid iddikjara li:			
4.1. L-għasafar se jkunu akkumpanjati waqt il-moviment tagħhom minn persuna li hija responsabbli għall-annimali.			
4.2. L-annimali mhumex maħsuba għal għanijiet kummerċjali.			
4.3. Waqt il-perjodu bejn l-ispezzjoni veterinarja ta' qabel il-moviment u t-tluq fattwali, l-għasafar se jibqgħu iżolati minn kull kuntatt possibbli ma' għasafar oħra.			
jew [4.4. L-annimali għaddew mill-iżolament ta' 30 jum ta' qabel il-moviment mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' għasafar oħra mhux koperti b'dan iċ-ċertifikat.] (¹)			
jew [4.4. Jiena għamilt arranġamenti għall-kwarantana ta' 30 jum ta' wara l-introduzzjoni fil-post tal-kwarantana ta'....., kif indikat f'punt I.12 taċ-ċertifikat.] (¹)			
Noti:			
(¹) H assar kif meħtieġ.			
(¹) Iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem Fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-validità hija mtawla biż-żmien għall-vjaġġ bil-baħar.			
veterinarju uffiċjali			
Isem (b'lttri kbar):		Kwalifiki u titolu	
Data:		Firma:	
Timbru			

ANNEX III

Dikjarazzjoni tas-sid jew tar-rappreżentant tas-sid ta' l-għasafar domestiċi

Jiena, is-sid ^(a) /ir-rappreżentant tas-sid ^(a) sottoskritt niddikjara li:

1. L-għasafar se jkunu akkumpanjati waqt il-moviment tagħhom minn persuna li hija responsabbli għall-annimali.
2. L-annimali mhumiex intenzjonati għal għanijiet kummerċjali.
3. Waqt il-perjodu bejn l-ispezzjoni veterinarja ta' qabel il-moviment u t-tluq fattwali, l-għasafar se jibqgħu iżolati minn kull kuntatt possibbli ma' għasafar oħra.
4. L-annimali għaddew mill-iżolament ta' 30 jum ta' qabel il-moviment mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' għasafar oħra mhux koperti b'dan iċ-ċertifikat ^(a).
5. Għamilt arranġamenti għall-kwarantina ta' 30 jum ta' wara l-introduzzjoni fil-post tal-kwarantina ta' kif indikat f'punt I.12 taċ-ċertifikat ^(a).

.....
Data u post

.....
Firma

^(a) ħassar kif meħtieġ.